*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 28

Il-Ħamis 17 ta' Gunju 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea – Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier

SKUZATI:
Ismael Dalli – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv



JAG. EV

| | |
|---|---|
| **28.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 28.1.1 | Il-laqgha tal-Kunsill Lokali bdiet fis-18:45pm minhabba li ma' kienx hemm *Quorum.* |
| 28.1.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li s-Sur Ismael Dalli u s-Sa Anabelle Marmara infurmaw lill-Kunsill li mhux se jkunu qed jattendu ghall-laqgha minhabba ragunijiet li m'ghandhomx kontroll fuqhom, ghaldaqstant talbu sabiex jigu skuzati. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera ma' nstabet l-ebda oggezzjoni f' dan ir-rigward. |
| **28.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 28.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 26, flimkien mal-minuti tal-Laqgha b'Urgenza nnumerata 27, kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 28.2.2 | Is-Sur Thomas Debattista ppropona u s-Sur Christian Pace ssekonda l-minuti tas-Seduta numru 26, flimkien mal-minuti tal-Laqgha b'Urgenza nnumerata 27 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **28.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 28.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li nhar il-Hamis 10 ta' Gunju 2021, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha mal-*EU & International Affairs Unit* tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jigi diskuss l-istadju tal-progett tan-*Norway Grants*. |
| 28.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li wara l-laqgha informali li kellu l-Kunsill sabiex tigi diskussa l-pjanta proposta ghall-binja gdida tal-Kunsill saret ukoll stima mill-Perit. |
| 28.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li fir-rigward tal-*Bus Shelters* is-Segretarju Ezekuttiv baghtet korrispondenza lill-Transport Malta u lill-FACES imma ghad ma' hemm l-ebda risposta. Is-Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill ghandu jibqgha jitkellem mal-Assoccjazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 28.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kif gie mifthiem fil-laqgha precedenti ngabru l-kwotazzjonijiet u saru zewg kuntratti ghall-sena, wiehed tal-*Water Bowser* ghall-gonna u iehor ghat-tebelli, sinjali u materjal iehor tat-traffiku. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

JAG

| | |
|---|---|
| 28.3.5 | Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera li fid-29 ta' Gunju 2021 huwa Jum Ħal Tarxien imma kif diga' gie mifthiem maghhom se jigi ccelebrat il-Ħadd 27 ta Gunju 2021. Is-Sindku spjega li nhar it-Tlieta 14 ta' Gunju 2021 huwa zamm laqgha mal-Kunsillier s-Sur Christian Pace bhala l-persuna responsabbli mill-ghaqdiet u talbu sabiex jiddiskuti l-programm tal-attivita'.<br><br>Is-Sur Christian Pace spjega li b' rispett lejn ir-restrizzjonijiet tal-pandemija, ser tinzamm quddiesa fil-Knisja Arcipretali Marija Annunzjata nhar il-Ħadd 27 ta ' Gunju fid-9.30am u wara se jitqassmu rikonoxximenti Dar Nazzaret. Is-Sur Christian Pace spjega li r-rikonoxximenti se jinaghtaw lill-ghaqdiet kollha tal-lokalita' bhala apprezzament tax-xoghol siewi taghhom lejn ir-rahal u ssugerixxa wkoll li jinaghat gieh Ħal Tarxien. Is-Sur Pace informa l-Kunsilliera li hu jinnomina lill-iskultur Renzo Gauci ghax kien jaghti priorita assoluta lill-ghaqdiet , kif ukoll kien jghallem lit-tfal Tarxinizi s-sena tieghu. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li gieh Ħal Tarxien ghandu jinaghta lill-mara tal-iskultur Renzo Gauci ghall-memorja ghaziza tieghu.<br><br>Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li dak inhar tal-attivita' l-ghaqda Madonna tad-Duttrina se tarma l-arbli fejn il-Knisja sabiex jittellghu l-bnadar ta' Malta, filwaqt li rringrazzja l-ghaqda tal-koperazzjoni.<br><br>Is-Sindku nforma lill-Kunsill li jekk ikunu lesti l-inkwatri tal-ghaqdiet kollha kif gie diskuss f' wahda mill-laqghat precedenti, hu jixtieq li jigu esebiti Dar Nazzaret ghall-Jum Ħal Tarxien. |
| **28.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 28.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **28.5** | **Rapporti** |
| 28.5.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta korrispondenza fuq kaz li gara f' Mejju fl-2019, fejn sinjura infurmat lill-Kunsill li waqt li kienet qed issuq Triq Santu Wistin sabet hofra u ghamlet hsara f'wiehed mit-tyres u ghaldaqstant qed titlob kumpens mill-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-Kunsill ma' ghandux jaghmel tajjeb ghall-hlas ghax ma' hemx bizzejjed evidenza. |

| | |
|---|---|
| 28.5.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta l-Pjan ta Hidma u nforma lill-Kunsilliera li saret emenda ghas-sena d-diehla peress li l-Kunsill kwalifika ghall-iskema tal-LESA u jkollu johrog fondi minn tieghu li jammontaw ghall-19,600Eur. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti, l-Pjan ta Hidma gie approvat. |
| 28.5.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li x-xogholijiet tal-parkegg ta' fejn l-iskola se jibdew fl-1 ta Lulju 2021 minn *Infrastructure* Malta. |
| **28.6** | **Mozzjonijiet** |
| 28.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **28.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 28.7.1 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera prezenti li t-Tender tar-*Reach Out Centre-Community Hall*, gie aggudikat u ntbghatu l-ittri fuq l-ePPS sabiex il-*bidders* ikunu nfurmati. Is-Sindku spjega li jekk ma' jkunx hemm appelli fi zmien ghaxar t'ijiem il-progett jibda. |
| **28.8** | **Ġnien Joanne** |
| 28.8.1 | Is-Sindku qal lill-Kunsilliera li kif diga' gew infurmati l-applikazzjoni tal-LESA sabiex isir progett ta' tisbieh fi Gnien Joanne giet accettata u nzammet ukoll konferenza stampa mill-Ministru Byron Camilleri nhar is-Sibt 12 ta' Gunju 2021 fl-istess Gnien. Is-Sindku spjega li s-Segretarju Ezekuttiv beda jahdem fuq it-*Tender* tal-fanali u l-*uplights* u se jingabru kwotazzjonijiet ghall-ornament strutturali u ghar-restawr tal-*gazebo*. |
| **28.9** | **Il-proġett tal-Grawnd tal-Futbol u l-Ġnien Veliko Tornovo** |
| 28.9.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li bl-ghajnuna tal-Ministru Byron Camilleri l-Kunsill se jinaghta fondi minn l-Agenzija Kommunita' Malta sabiex jitranga l-grawnd tal-futbol u affarijiet essenzjali ohra fi Gnien Veliko Tornovo. Is-Sindku spjega li se jigi ffirmat ukoll *Memorandun of Understanding*,(MOU) bejn il-Kunsill Lokali u l-Agenzija Kommunita' Malta. Is-Sindku spjega li l-Grawnd tal-Futbol ghad m'ghandux isem u ssugerixxa li jinaghta l-isem ta Mark Farrugia, ghall-Kuntistabbli Tarxiniz li tilef hajtu tragikament waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-Grawnd tal-Futbol jissemma ghall-Kuntistabbli Mark Farrugia. |



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

JAG

| | |
|---|---|
| **28.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 28.10.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 23/08) flimkien mal-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Mejju/Gunju 2021 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 28.10.2 | Fuq mozzjoni tas-Sa Darlene Vella Zammit ssekondata mis-Sur Christian Pace l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **28.11** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 28.11.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19.15p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 13 ta' Lulju 2021 fis-6:30p.m. |

Konfermati, illum 17 ta' Gunju 2021.

J. Ab. Ga

Joseph Abela Galea
Sindku

E. Vella

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv



MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT
COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA
EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA